**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 3 ta' Ottubru 2023

Każ Numru: 249/2021

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Daryl Borg)

**Vs**

**Ivan Grixti**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 93967M)

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Ivan Grixti**, iben Nazareno u Adelaide xebba Borg, imwieled Tas-Sliema, nhar it-13 ta' Frar 1967, u residenti Flat 6, Triq San Federiku, Valletta, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 93967M, akkużat talli nhar il-11 ta' Mejju 2017 u fil-jiem, ġimgħat u xhur u snin ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1. Talli għamilt falsifikazzjoni ta' firem fi skrittura privata u/jew skrittura ta' bank privat (cheques) għad-dannu ta' Carmen Grixti u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 187 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Kif ukoll talli xjentement għamilt użu minn dawn iċ-ċekkijiet falsifikati u dan bi ksur tal-Artikoli 184 u 187 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esebiet estratt mill-att tat-twelid kif ukoll fedina penali ta' Ivan Grixti, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha ta' il-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Awwissu 2022, l-Uffiċjal Prosekutur talab korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni fis-sens illi fl-ewwel sentenza taċ-ċitazzjoni wara l-kelma xhur jiżdiedu l-kliem u snin, liema talba ġiet milqugħa u wara li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament iċ-ċitazzjoni kif korretta, sar l-eżami tal-imputat li wieġeb mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat illi l-partijiet eżentaw lil Qorti mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi ġa prodotti.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Awwissu 2022, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi ma għandux aktar provi xi jressaq;

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2022, id-difiża ddikjarat li m'għandiex aktar provi xi tressaq;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Carmen Grixti** fil-5 ta' Lulju 2021 xehdet kif hija ppreżentat kwerela fil-konfront ta' żewġha Ivan Grixti għaliex waqt il-proċeduri tas-separazzjoni, hija talbet lil xi xhieda sabiex jippreżentaw *front and back images* taċ-ċekkijiet li permezz tagħhom ħallsu lill-imputat tas-servizzi tiegħu u fi sbatax il-ċekk fuq wara tagħhom kien hemm żewġ firem u ċioe l-firma tal-imputat u firma iffalsifikata tax-xhud. Għaxar ċekkijiet kienu maħruġa lill-imputat minn ċertu Paul Bugeja, filwaqt li seba' ċekkijiet inħarġu lill-imputat minn RSM Limited.

   Ix-xhud iddikjarat li hija qatt ma ffirmat dawn iċ-ċekkijiet. Dawn iċ-ċekkijiet ġew iddepożitati fil-kont konġunt bankarju tal-partijiet. Il-perjodu li nħarġu dawn iċ-ċekkijiet huwa bejn is-sena 2014 u is-sena 2017.

   Ix-xhud iddikjarat li l-finanzi tal-familja kienu dejjem f'idejn l-imputat żewġha, li huwa kien xħiħ magħha u ma kienx jagħtiha flus f'idha u li kull meta ħadu xi loan hija qatt ma marret tiffirma l-bank għax kien joħdilha id-dokumenti d-dar u kienet tiffirmahom id-dar stess. Finalment ix-xhud iddikjarat li hija saret taf b'dawn iċ-ċekkijiet bil-firma ffalsifikata tagħha f'Ottubru 2020.

   Ix-xhud ippreżentat diversi dokumenti fosthom kopja tal-kwerela tagħha (mmarkata dok CG1), L-*invoice* u ċ-ċekkijiet ta' RSM Limited (mmarkati dok CG2), *statements* ta' RSM Limited (mmarkati dok CG3), ċekkijiet ta' Paul Bugeja (mmarkati dok CG4), *statements* ta' Paul Bugeja (mmarkati dok CG5), u affidavit (mmarkat dok CG6).

   Fix-xhieda tagħha tas-27 ta' Settembru 2021, ix-xhud Carmen Grixti ippreżentat dokument mmarkat CG 7 li juri d-*designations* tal-imputat u dokument ieħor immarkat CG8 li jikkonsisti *f'summary* bid-dettalji ta' *invoice number* u numru ta' ċekkijiet li l-imputat tħallas bihom u dettalji tal-istess ċekkijiet.

   Fix-xhieda tagħha tat-2 ta' Awwissu 2022, Carmen Grixti ppreżentat tlieta u erbgħin ċekk li skond hi kellhom il-firma tagħha fuq wara taċ-ċekk iffalsifikata, mmarkati dok CG 9. Ix-xhud spjegat kif l-imputat kien jiddepożita dawn ic-ċekkijiet fil-*joint account*

tal-partijiet iżda imbagħad fil-maġġorparti tagħhom ġibed l-istess ammont fi flus kontanti.

2. **Paul Bugeja** wara li ġie muri għaxar ċekkijiet pagabbli ll-imputat, ikkonferma li dawn iċ-ċekkijiet inħarġu minnu stess. Iddikjara li l-ebda waħda miż-żewġ firem li jinsabu fuq wara taċ-ċekk ma saru minnu.

3. **George Gregory** wara li ġie muri seba' ċekkijiet pagabbli ll-imputat, ikkonferma li dawn iċ-ċekkijiet inħarġu mill-kumpanija RSM bħala ħlas ta' servizzi li l-imputat ipprovda lill-istess kumpanija.

*4.* **Joseph Mallia** fis-7 ta' Frar 2022 xehed kif huwa ġie appuntat sabiex jagħmel eżami komparattiv ta' firma. Minħabba li iċ-ċekkijiet oriġinali kienu ġew distrutti huwa kien se jaħdem fuq *scanned images* li lanqas biss kienu tal-kulur iżda *black and white* u skennjati bi 300 DPI mentri sabiex jinkixfu d-difetti kollha li jkun fiha firma jeħtieġ li ċ-ċekkijiet jkunu skennjati bi 3000 DPI. Ix-xhud jiddikjara:

> *"Jiena miniex ngħid illi bil-materjal li hawn ma jsirx l-eżami komparattiv, pero isir sa ċertu grad". "Jekk jiena l-avukat difensur jew il-prosekuzzjoni tgħidli imma inti l-lines fejn huma, kien hemm stoppages, ngħidlek ma nistax niddetermina għax dawn il-pixels ma jtuniex dak ir-riżultat. Iġifieri jien nista nagħżel sal-grad illi ngħid isma* ***fl-opinjoni tiegħi tista tkun tal-individwu sa dan il-grad pero****". "Pero dan xtaqt ngħidu għaliex ma ridtx nagħmel ir-rapport u spejjez għax jien ma rrid nisraq lil ħadd u ma nkunx onest". "Le le problema mhux iċ-ċekk kif inhu.* ***Il-probema hija l-image li hemm, il-kwalita' li biha ġie scannjat****".*

Illi fix-xhieda tiegħu tal-21 ta' Marzu 2022, l-espert Joseph Mallia filwaqt li ppreżenta r-rapport tiegħu (DOK JM4) huwa xehed:

> *"U bħala konklużjonijiet għandi ngħid li wara li saru l-eżamijiet komparattivi rikjesti fuq ic-cheque images jirriżulta li mill-kontijiet 14604322028 kif ukoll il-kont 40023988677 u l-kont 16710991011 li minnhom ħarġu dawn ic-cheque images kien hemm komparazzjoni tal-firma tas-Sur Ivan Grixti li nstabu punti karatteristiċi li huma kompatibbli. Fuq l-istess kontijiet instabu diversi inkompattibilita' u nuqqas ta' qbil bejn il-firma tas-Sinjura Carmen Grixti u kif ukoll barra dawn il-punti karatteristiċi li kienu nkompatibbli kien*

*hemm ukoll l-ittri i jiffurmaw il-kunjom Grixti kellu xi kliem ukoll nieqes speċjalment l-ittra X kif ukoll il-linja aħħarija, il-linja orizzontali li tinkiteb taħt il-firma kif ukoll it-tikka tal-aħħar li mhux dejjem hija preżenti pero l-linja orizzontali li tinkiteb taħt il-firma u kif ukoll bħala karatteristika tas-Sinjura Carmen Grixti il għaliex fic-cheque images 1381 datat sebgħa u għoxrin ta' Frar elfejn u sittax, cheque image 1390 datat ħdax ta' April elfejn u sittax, cheque image 1457 datat tmienja u għoxrin ta' Frar, cheque image 1461 datat sebgħa u għoxrin ta' Mejju kif ukoll kopja tal-Karta tal-Identita' numru 0314767, il-kopja mhux oriġinali, dawn ukoll il-linji orizontali li qed insemmi kif ukoll il-linja aħħarija jinsabu hemmhekk allura huma punti karatteristiċi li ġejjin ukoll minn dati ta' qabel dawn ic-cheque images".*

5. **Mark Falzon bħala rappreżentant tal-Bank of Valletta plc** xehed li ma hemmx regola partikolari fuq min għandu jiffirma ċ-ċekkijiet fuq wara.

6. **Leone Borg** filwaqt li ppreżenta numru ta' *cheque images* (mmarkati DOK LB 1), huwa ddikjara li dawn iċ-ċekkijiet inħarġu minn Fashion Fibreglass lill-imputat għal xogħol ta' accountancy.

7. **Saviour Theuma in rappreżentanza tas-Sigurta' Soċjali,** xehed illi mis-sena 2012 sas-sena 2017 ma kien hemm l-ebda *National Insurance contribution* imħallsa għan-nom ta' Carmen Grixti.

8. **Maria Azzopardi għan-nom ta' Island Insurance Brokers,** xehdet li kull polza tal-professional indemnity mis-sena 2010 kienet tkopri lill-imputat biss.

9. **Martin Spiteri bħala segretarju tal-accountancy board** xehed li Carmen Grixti ilha rreġistrata mal-accoutancy board mit-23 ta' Lulju 2003 iżda mis-sena 2011 sas-sena 2021 hija ma ħadmitx bħala accountant jew bħala awditur.

10. **L-istqarrija tal-imputat** fejn fiha l-imputat għażel li ma jwieġeb għal ebda mistoqsia.

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni għażlet li ma tressaq l-ebda xhud. L-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif huwa kellu kull dritt li jagħmel.**

## B. Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt":*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least*

*probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Argument imqajjem mid-Difiża waqt it-Trattazzjoni Finali li r-reati addebitati taħt l-artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma preskritti.**

Illi l-imputat huwa akkużat *talli nhar* ***il-11 ta' Mejju 2017*** *u fil-jiem, ġimgħat u xhur u snin ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:*

1. *Talli għamilt falsifikazzjoni ta' firem fi skrittura privata u/jew skrittura ta' bank privat (cheques) għad-dannu ta' Carmen Grixti u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 187 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Kif ukoll talli xjentement għamilt użu minn dawn iċ-ċekkijiet falsifikati u dan bi ksur tal-Artikoli 184 u 187 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Illi skond l-artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"187. (1) Kull min, b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179, jagħmel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, jeħel, meta jinsab ħati,* ***il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa tliet snin****, bir-reklużjoni jew mingħajrha.*
> *(2) Kull min xjentement jagħmel użu minnha,* ***jeħel l-istess piena."***

Illi skond l-artikolu 688 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni*
> *(a) bl-egħluq ta' għoxrin sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn għoxrin sena;*
> *(b) bl-egħluq ta' ħmistax-il sena għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn għoxrin sena u mhux anqas minn disa' snin;*
> *(ċ) bl-egħluq ta' għaxar snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn disa' snin u mhux anqas minn erba' snin;*
> ***(d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux a.nqas minn sena;***
> *(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;*

*(f) bl-egħluq ta' tliet xhur għall-kontravvenzjonijiet, u għall-inġurji bil-fomm suġġetti għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet."*

Illi jirriżulta li fis-seduta **tat-2 ta' Awwissu 2022**, l-Uffiċjal Prosekutur talab korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni fis-sens illi fl-ewwel sentenza taċ-ċitazzjoni wara l-kelma xhur jiżdiedu l-kliem u snin, liema talba ġiet milqugħa u wara li l-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament iċ-ċitazzjoni kif korretta, sar l-eżami tal-imputat li wieġeb mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. **Jirriżulta wkoll li l-imputat ġie notifikat biċ-ċitazzjoni seduta stante.**

Mir-rapport tal-espert kaligrafiku jirriżulta li fil-firma allegatament ta' Carmen Grixti li tinsab miktuba fuq il-parti ta' wara taċ-ċekk *image* numru 001711, liema ċekk huwa datat 11 ta' Mejju 2017 hemm inkompatibilita u nuqqas ta' qbil fil-kors tal-kitba kemm fl-għamla, kif ukoll f'nuqqas ta' ittri u t-tikka aħħarija li jiffurmaw din l-istess firma.

Illi għalhekk jekk mill-provi produċibbli, din il-Qorti jidrilha li l-imputat għandu jinstab ħati għar-reati addebitati taħt l-artikolu 187 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dawn ir-reati ma humiex preskritti.

3. **L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat Ivan Grixti:**

*"talli nhar il-11 ta' Mejju 2017 u fil-jiem, ġimgħat u xhur u snin ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:*
*Talli għamilt falsifikazzjoni ta' firem fi skrittura privata u/jew skrittura ta' bank privat (cheques) għad-dannu ta' Carmen Grixti u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 187 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta"*

Il-provi li huma ta' relevanza sabiex din il-Qorti finalment tasal għal konklużjoni jekk l-imputat għandux jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni huma x-xhieda tal-kwerelanta Carmen Grixti, ix-xhieda tal-espert Joseph Mallia u r-rapport tal-istess espert Joseph Mallia.

Carmen Grixti xehdet diversi drabi f'dawn il-proċeduri fejn filwaqt li preżentat diversi kopji ta' dokumenti hija sostniet li hija kienet ippreżentat kwerela fil-konfront ta' żewġha Ivan Grixti għaliex waqt il-proċeduri tas-separazzjoni, kienet talbet sabiex jiġu

ippreżentati *front and back images* taċ-ċekkijiet li permezz tagħhom persuni miġjuba biex jixhdu ħallsu lill-imputat għal servizzi fornuti minnu.

Hija ddikjarat li fuq wara ta' dawn iċ-ċekkijiet kien hemm il-firma tagħha iffalsifikata u dan minħabba l-fatt li minkejja li kien hemm dik li dehret li hija l-firma tagħha fir-realta' hija qatt ma ffirmat dawn iċ-ċekkijiet. Dawn iċ-ċekkijiet ġew iddepożitati fil kont bankarju konġunt tal-partijiet. Il-perjodu li nħarġu dawn iċ-ċekkijiet huwa bejn is-sena 2014 u is-sena 2017. Ix-xhud iddikjarat li hija saret taf b'dawn iċ-ċekkijiet bil-firma ffalsifikata tagħha f'Ottubru 2020.

Illi fix-xhieda tiegħu tal-21 ta' Marzu 2022, l-espert Joseph Mallia filwaqt li ppreżenta r-rapport tiegħu (DOK JM4) huwa xehed:

> *"U bħala konklużjonijiet għandi ngħid li wara li saru l-eżamijiet komparattivi rikjesti fuq ic-cheque images jirriżulta li mill-kontijiet 14604322028 kif ukoll il-kont 40023988677 u l-kont 16710991011 li minnhom ħarġu dawn ic-cheque images kien hemm komparazzjoni tal-firma tas-Sur Ivan Grixti li nstabu punti karatteristiċi li huma kompatibbli. Fuq l-istess kontijiet instabu diversi inkompattibilita' u nuqqas ta' qbil bejn il-firma tas-Sinjura Carmen Grixti u kif ukoll barra dawn il-punti karatteristiċi li kienu nkompatibbli kien hemm ukoll l-ittri li jiffurmaw il-kunjom Grixti kellu xi kliem ukoll nieqes speċjalment l-ittra X kif ukoll il-linja aħħarija, il-linja oriżżontali li tinkiteb taħt il-firma kif ukoll it-tikka tal-aħħar li mhux dejjem hija preżenti pero l-linja oriżżontali li tinkiteb taħt il-firma u kif ukoll bħala karatteristika tas-Sinjura Carmen Grixti il għaliex fic-cheque images 1381 datat sebgħa u għoxrin ta' Frar elfejn u sittax, cheque image 1390 datat ħdax ta' April elfejn u sittax, cheque image 1457 datat tmienja u għoxrin ta' Frar, cheque image 1461 datat sebgħa u għoxrin ta' Mejju kif ukoll kopja tal-Karta tal-Identita' numru 0314767, il-kopja mhux oriġinali, dawn ukoll il-linji oriżontali li qed insemmi kif ukoll il-linja aħħarija jinsabu hemmhekk allura huma punti karatteristiċi li ġejjin ukoll minn dati ta' qabel dawn ic-cheque images".*

Illi mir-rapport tal-espert kaligrafiku Joseph Malli jirriżulta li fil-firma allegatament ta' Carmen Grixti li tinsab miktuba fuq il-parti ta' wara taċ-ċekkijiet *"tirriżulta inkompatibilita u nuqqas ta' qbil bejn il-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba ta' wara (it-tieni firma fil-parti ta' wara) allegatament ta' Carmen Grixti li jinsabu miktubin fuq iċ-ċekk images maħruġa mill-kontijiet tal-Bank of Valletta numri 14604322028, 40023988677 u 16710991011 hekk kif ikkomparati mal-punti*

*karateristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba tal-istess Carmen Grixti detentriċi tal-karta tal-identita numru 314767."*

Madanakollu l-espert kaligrafiku Joseph Mallia ma rnexxilux jistabbilixxi min iffalsika din il-firma.

Mill-provi produċibbli l-Qorti hija moralment konvinta li l-allegat firma tal-kwerelanta Carmen Grixti fuq in-naħa ta' wara taċ-ċekkijiet hija ffalsifikata iżda il-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova sal-grad rikjest fil-kamp penali li l-falsifikazzjoni tal-firma saret mill-imputat Ivan Grixti u konsegwentament din il-Qorti mhux se tkun qegħda ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

4. **It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat Ivan Grixti:**

> *"talli nhar il-11 ta' Mejju 2017 u fil-jiem, ġimgħat u xhur u snin ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:*
> *Kif ukoll talli xjentement għamilt użu minn dawn iċ-ċekkijiet falsifikati u dan bi ksur tal-Artikoli 184 u 187 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;"*

Kif diġa ngħad mill-provi produċibbli l-Qorti hija moralment konvinta li l-allegat firma tal-kwerelanta Carmen Grixti fuq in-naħa ta' wara taċ-ċekkijiet hija ffalsifikata.

Dan qiegħed jingħad għaliex Carmen Grixti li xehdet diversi drabi f'dawn il-proċeduri, filwaqt li preżentat diversi kopji ta' dokumenti hija sostniet li ppreżentat il-kwerela fil-konfront ta' żewġha Ivan Grixti għaliex waqt il-proċeduri tas-separazzjoni, hija talbet lil xi xhieda sabiex jippreżentaw *front and back images* taċ-ċekkijiet li permezz tagħhom ħallsu lill-imputat tas-servizzi tiegħu.

Hija ddikjarat li fuq wara ta' dawn iċ-ċekkijiet kien hemm il-firma tagħha iffalsifikata u dan minħabba l-fatt li minkejja li kien hemm dik li dehret li hija l-firma tagħha fir-realta' hija qatt ma ffirmat dawn iċ-ċekkijiet. Dawn iċ-ċekkijiet ġew iddepożitati fil-*joint account* tal-partijiet. Il-perjodu li nħarġu dawn iċ-ċekkijiet huwa bejn is-sena 2014 u is-sena 2017. Ix-xhud iddikjarat li hija saret taf b'dawn iċ-ċekkijiet bil-firma tagħha ffalsifikata f'Ottubru 2020.

Fix-xhieda tiegħu tal-21 ta' Marzu 2022, l-espert Joseph Mallia filwaqt li ppreżenta r-rapport tiegħu (DOK JM4) huwa xehed:

> *"U bħala konklużjonijiet għandi ngħid li wara li saru l-eżamijiet komparattivi rikjesti fuq ic-cheque images jirriżulta li mill-kontijiet 14604322028 kif ukoll il-kont 40023988677 u l-kont 16710991011 li minnhom ħarġu dawn ic-cheque images kien hemm komparazzjoni tal-firma tas-Sur Ivan Grixti li nstabu punti karatteristiċi li huma kompatibbli. Fuq l-istess kontijiet instabu diversi inkompattibilita' u nuqqas ta' qbil bejn il-firma tas-Sinjura Carmen Grixti u kif ukoll barra dawn il-punti karatteristiċi li kienu nkompatibbli kien hemm ukoll l-ittri i jiffurmaw il-kunjom Grixti kellu xi kliem ukoll nieqes speċjalment l-ittra X kif ukoll il-linja aħħarija, il-linja orizzontali li tinkiteb taħt il-firma kif ukoll it-tikka tal-aħħar li mhux dejjem hija preżenti pero l-linja orizzontali li tinkiteb taħt il-firma u kif ukoll bħala karatteristika tas-Sinjura Carmen Grixti il għaliex fic-cheque images 1381 datat sebgħa u għoxrin ta' Frar elfejn u sittax, cheque image 1390 datat ħdax ta' April elfejn u sittax, cheque image 1457 datat tmienja u għoxrin ta' Frar, cheque image 1461 datat sebgħa u għoxrin ta' Mejju kif ukoll kopja tal-Karta tal-Identita' numru 0314767, il-kopja mhux oriġinali, dawn ukoll il-linji orizontali li qed insemmi kif ukoll il-linja aħħarija jinsabu hemmhekk allura huma punti karatteristiċi li ġejjin ukoll minn dati ta' qabel dawn ic-cheque images".*

Mir-rapport tal-espert kaligrafiku Joseph Malli jirriżulta li fil-firma allegatament ta' Carmen Grixti li tinsab miktuba fuq il-parti ta' wara taċ-ċekkijiet "tirriżulta inkompatibilita' u nuqqas ta' qbil bejn il-punti karatteristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba ta' wara (it-tieni firma fil-parti ta' wara) allegatament ta' Carmen Grixti li jinsabu miktubin fuq iċ-ċekk images maħruġa mill-kontijiet tal-Bank of Valletta numri 14604322028, 40023988677 u 16710991011 hekk kif ikkomparati mal-punti karateristiċi li ġew identifikati fil-kors tal-kitba tal-istess Carmen Grixti detentriċi tal-karta tal-identita numru 314767.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tad-difiża li ladarba ċ-ċekkijiet oriġinali kienu ġew distrutti mill-Bank of Valletta allura r-rapport tal-espert Joseph Mallia għandu jiġi skartat. Dan qiegħed jingħad għaliex minkejja li l-eżami komparattiv tal-firma sar fuq scan images madanakollu l-espert Joseph Mallia xorta waħda irnexxilu jikkonkludi li l-allegat firma ta' Carmen Grixti fuq in-naħa ta' wara taċ-ċekkijiet hija nkompatibbli mal-firma ta' Carmen Grixti.

Għalhekk din il-Qorti jeħtieġ li tistabbilixxi jekk mill-provi produċibbli, il-prosekuzzjoni rnexxilihx tipprova sal-grad rikjest mill-liġi li l-imputat Ivan Grixti xjentement għamel użu minn dawn iċ-ċekkijiet falsifikati.

Fil-kawża fl-ismijiet **il-Pulizija vs Daniel Orsini** deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-24 ta' Ottubru 2022, ingħad li:

> *"L-istess ma jistax jinghad, izda, fir-rigward tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali. Ghalkemm din il-Qorti ma ghandhiex prova li kien proprju l-imputat li ghamel l-att ta' falsifikazzjoni fic-cekkijiet mertu ta' din il-kawza, jibqa' l-fatt li l-istess Qorti ma ghandhiex dubju li hu kien konxju li qed jaghmel uzu minn cheque li kien falsifikat. Din il-konkluzjoni tohrog minn numru ta' provi li tressqu fil-kors tal-kawza: fosthom, l-imputat innifsu jghid li huwa qatt ma uza c-cheque book tal-Cospicua Boating Group. Madankollu, huwa kien identifikat posittivament, almenu minn Mary Grace Manicaro, li tghid li kien proprju hu li ghaddhiela c-cheque, liema cheque kien indirizzat lil Daniel Orsini stess, u li kien gie girat favuriha sabiex ihallas ghal xirja ta' xi laham. Gjaladarba din il-prova baqghet mhux kontestata, u din il-Qorti tqisha verosimili, wiehed jista' jikkonkludi li f'xi moment, l-imputat kellu f'idejh cheque mic-cheque book tal-Cospicua Boating Group, li kien indirizzat lilu, u li gie uzat ghal xiri ta' laham. Anke jekk il-firma ta' fuq wara ma tistax tigi attribwita lill-imputat (ghax ma ngiebet ebda prova f'dan ir-rigward) xorta wahda gie pprovat li l-imputat ghadda dan ic-cheque lil Manicaro – meta kien jaf – ghax hekk jikkonferma – li cekkijiet tal-Cospicua Boating Group ghandhom ikunu iffirmati minn zewg rapprezentanti – u certament ma setghux kienu indirizzati lilu stess u uzati ghal dak l-iskop. Ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li c-cheque numru 39 ma jafx bih u qatt ma kien jaf bih sakemm cemplitlu Manicaro li dan gie reversed, il-prova li Mary Grace Manicaro giet mghoddija dan ic-cheque mill-imputat stess baqghet mhux kontestata. Dan ifisser li l-imputat xjentement uza cheque li kien jaf li setghax juza – l-ghaliex kien falsifikat – ghall-ghanijiet tieghu. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax ghajr issib htija ta' din l-imputazzjoni."*

Fl-Appell, permezz ta' sentenza deċiża fis-7 ta' Frar 2023, l-Qorti tal-Appell iddikjarat is-segwenti:

> *"Dwar ir-raba' akkuza li instab hati taghha u cioe' talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi ghamel uzu minn dokument ta' Cospicua Boating Group liema dokument kien jaf li hu falz. Jinghad li l-appellant kien jaf li ic-cekkijiet tal*

*Cospicua Boating Group kellhom bzonn zewg firem biex ikunu jistghu jigu imsarfa u f'dan il-kaz firma wahda biss kien hemm li allegatament tghajjat lilu. Huwa jghid li qatt ma pprezenta dawn ic-cekkijiet izda semmai jista'jkun li xi haddiema minn tieghu hadlu xi cekkijiet. Pero' MaryGrace Manicaro tghid li l-appellant kien hu li pprezenta cekk across the counter u ghalhekk fid-dawl ta' din ix-xhieda din il-Qorti ukoll qed isibu hati tar-reat ta' uzu ta' dokument falz ghaliex kien jaf li dak ic-cheque kien falz u cioe' li l-firmatarji fuqu ma kienux dawk intitolati li jiffirmaw. Ghalhekk dan ir-reat jissusisti ukoll. Il-falsita sta nel fatt li huwa ipprezenta cheuqe allegatament bil-firma tieghu meta kien jaf li l-firma ma kienitx tieghu u li dak ic-cheque kellu ikollu zewg firem ohra. Il-fatt li l-appellant xorta ipprezenta dan ic-cheque ifisser li kien koxjenti tal-falsita tac-cheque"*

Fil-kawża fl-ismijiet **il-Pulizija vs Mark Randon** deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Lulju 2014, ingħad li:

*"L-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi "Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-falsifikazzjoni." Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ghall-fini tar-reat fl-Artikolu 184, ma hux necessarju li min jaghmel uzu minn att falz, ikun ukoll l-awtur tal-istess falsifikazzjoni. L-importanti hu, li min jaghmel uzu minn tali att falz, ikollu ix-xjenza, li l-att ikun falz. Ghalkemm ma hemmx prova li l-imputat iffalsifika l-firma ta' Saviour Farrugia fuq ic-cheque in kwistjoni, mill-provi jirrizulta li fit-22 ta' Lulju 2002, l-imputat iddepozita dan ic-cheque f'kont tieghu (i.e. tal-istess imputat) mal-Lombard Bank – u ghalhekk ghamel uzu minn dan ic-cheque b'firma falsifikata. Issa dan ic-cheque kien inghata lill-imputat minn Travelex Financial Services Limited fit-12 ta' Lulju 2002 (id-data tac-cheque) jew f'xi data sussegwenti, u mill-provi jirrizulta li dan ic-cheque baqa' l-hin kollu fil-pussess tal-imputat. Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat – li kellu ic-cheque de quo il-hin kollu fil-pussess tieghu – kien jaf x'gara minn dan ic-cekk, u senjatament li hu ma kienx tah lil Saviour Farrugia ghal xi hin. Ghalhekk, meta l-imputat mar jiddepozita dan ic-cheque l-Bank, kien jaf ben tajjeb, li l-firma ta' Saviour Farrugia fuq dan ic-cheque kienet giet falsifikata.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' din it-tieni imputazzjoni."*

Mill-provi produċibbli mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li ċ-ċekkijiet għaddew direttament lill-imputat, illi dawn ċ-ċekkijiet kienu pagabbli lill-imputat, illi l-firma fuq wara taċ-

ċekkijiet tal-imputat huma kompatibbli mal-firma tiegħu, illi ċ-ċekkijiet kienu jiġu depożitati fil-kont konġunt bankarju tal-imputat, illi fix-xhieda tagħha Carmen Grixti dejjem sostniet li hija mhux talli ma ffirmatx dawn iċ-ċekkijiet iżda talli qatt ma kienet rat dawn iċ-ċekkijiet (u konsegwentament jista jiġi eskluż li kienet Carmen Grixti li ddepożitat iċ-ċekkijiet fil-joint account tal-partijiet), u li il-firma allegatament ta' Carmen Grixti fuq in-naħa ta' wara taċ-ċekkijiet ma hijiex kompatibbli mal-firma tal-istess Carmen Grixti.

Dawn il-provi baqgħu ma ġewx kontestati mill-imputat u għalhekk din il-Qorti hija moralment konvinta li fil-mument li kien fil-pussess ta' dawn iċ-ċekkijiet, l-imputat Ivan Grixti kien jaf li fuq in-naħa ta wara ta' dawn l-istess ċekkijiet kien hemm firma falza.

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputat Ivan Grixti huwa ħati ta' din l-imputazzjoni u konsegwentament din il-Qorti sejra ssib lill-imputat Ivan Grixti ħati ta' din it-tieni imputazzjoni.

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat li l-imputat għandu fedina penali netta kif ukoll li fit-trattazzjoni finali l-avukat tal-kwerelanta sostniet li l-kwerelenta ma għandhiex interess li l-imputat jingħata piena karċerarja effettiva.

## D. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minnha tilliberah u wara li rat Artikoli 183, 184, 187(1) u 187(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjeta u tal-imputat li l-ħati jitqiegħed taħt ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat l-Artikoli 2, u l-proviso tal-

artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunità bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal tlett mija u sittin (360) siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunità kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet jew f'każ li jagħmel reat ieħor jista' jingħata sentenza għar-reat li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi, u dan ai termini tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu man-nomina tal-ħatra tal-espert kaligrafiku, liema spejjez b'kollox jammontaw għas-somma ta' erba' t'elef, ħames mija u tlett ewro u erba' u ħamsin ċenteżmi (€4503.54c) li għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahrejn mil-lum.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**

**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 3 ta' Ottubru 2023

Każ Numru: 249/2021

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Daryl Borg)

**Vs**

**Ivan Grixti**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 93967M)

**Il-Qorti:**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunità.

Billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Ivan Grixti**, iben Nazareno u Adelaide xebba Borg, imwieled Tas-Sliema, nhar it-13 ta' Frar 1967, u residenti Flat 6, Triq San Federiku, Valletta, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 93967M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Servizz fil-Komunità ai termini tal-Artikoli 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunità (inklużi l-kundizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skont l-Artikoli 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor sakemm dan

l-Ordni jibqa' fis-seħħ ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed jiġi magħmul din l-Ordni, u illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunità.

Għalhekk, tordna li l-ħati **Ivan Grixti**, iben Nazareno u Adelaide xebba Borg, imwieled Tas-Sliema, nhar it-13 ta' Frar 1967, u residenti Flat 6, Triq San Federiku, Valletta, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 93967M, jagħti tlett mija u sittin (360) siegħa xogħol/servizz fil-Komunità li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xogħol/servizz għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità' taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-Komunità, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità, jirrapporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.
2. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-Komunità, il-ħati għandu jirrapporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet maħruġa lilu mill-Uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità;
3. Li jwettaq b'mod soddisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunità f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq;
4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità maħtur għal dan l-iskop għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur;
5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità;
6. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunità skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità;
7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-Komunità.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

F’każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunità quddiem il-Qorti kompetenti.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi** | **Josanne Gauci** | **Ivan Grixti** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** | **KI: 93967M** |